**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 34 - IT-TLIETA 25 TA' AWWISSU 2011**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:35.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* BIĊ |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm membri mill-pubbliku preżenti. | |

**1. APOLOĠIJI GĦAL ASSENTEIŻMU**

1.1. Is-SE informa li l-Kunsillier Gatt kien imsiefer filwaqt li s-Sinj. Cuomo kienet infurmatu li kienet imweġġgħa.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Il-minuti ġew meqjusa moqrija. Wara kunsiderazzjoni ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

2.2. Il-Kunsillier Galea staqsa jekk kinitx intbagħtet korrispondenza lill-Perit Ian Zammit dwar it-talba għal immaniġġjar tat-traffiku fi Triq San Pawl. Is-SE informa li ma kinitx għadha ntbagħtet l-ittra għalkemm mill-informazzjoni li twaslitlu mill-istaff kienu saru *'slow' markings*.

2.3. Is-SE informa li se jsir seminar mill-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL) bl-isem StandUp nhar is-Sibt 17 ta' Settembru fl-Osborne Hotel. Huwa informa li kull min xtaq jattendi seta' jagħmel dan iżda ried jinforma lill-organizzaturi huwa/hija. Il-Kunsilliera Miceli infurmat li se tipprova tattendi.

2.4. Is-SE fakkar li kien hemm l-istedina għall-quddiesa tal-għaqdiet nhar it-30 ta' Awwissu u għaldaqstant talab biex jiġi infurmat min kien beħsiebu jattendi. Kien hemm qbil li għandha tiġi preżentata l-bandiera tan-Naxxar. Ikkonfermaw l-attendenza is-Sindku u l-Kunsillieri Muscat Fenech Adami, Bonello, Brincat u Sammut.

2.5. Is-SE informa li l-għada kienet se ssir laqgħa mal-Green MT il-Ġimgħa fis-2:30pm dwar is-sitwazzjoni tal-*bring in sites* fil-lokalità. Il-Kunsilliera Miceli infurmat li skont l-opinjoni tagħha, l-ikbar problema hija l-użu ħażin mir-residenti. Il-Viċi Sindku informa li fl-opinjoni tiegħu, l-aktar waħda nadifa hija dik fiż-żona tas-Salina.

2.6. Is-SE informa li għalkemm ma kien ta l-ebda approvazzjoni, kien infurmat li sid il-ħanut Yorkdale, minflok dawwar l-arblu (tal-bozoz) biss, kien qata' fergħa minnu bir-riżultat li kien hemm problema fid-dawl. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jitolbu spjegazzjoni u biex jirrimedja s-sitwazzjoni.

2.7. Is-SE informa li kien hemm talba mill-Malta Basketball Association sabiex jorganizzaw *mini-tournament* fil-grawnd ta' Ġnien Toni Vella mingħajr ħlas. Il-Kunsill qabel ma' din it-talba.

2.8. Is-SE informa li l-Kunsillier Clifford Galea kien uża l-istemma tal-Kunsill għal skopijiet personali mingħajr permess u anke wara li hu bħala Segretarju Eżekuttiv kien infurmah li m'għandux jagħmel dan. Huwa insista li l-istemma hija proprjetà tal-Kunsill u għaldaqstant ħadd ma seta' jagħmel użu minnha ħlief xi assoċjazzjoni b'bona fede. Il-Kunsillier Galea informa li skont parir li ngħata minn xi ħadd jaħdem id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, huwa kien fid-dritta li juża l-istemma tal-Kunsill. Is-SE informa li huwa kellu anki parir legali mingħand l-avukat tal-Kunsill u għalhekk dehrlu li dan ma setax jagħmlu. Huwa saħaq ukoll li problemi interni bħal dawn jaħlu ħafna ħin lill-amministrazzjoni u għaldaqstant ladarba s-SE ikun ta risposta dwar xi *issue*, ma jħossx li l-Kunsillier in partikolari kellu għaliex ikompli jwebbes rasu. Hawnhekk is-SE staqsa lill-Kunsillier Galea jekk huwiex kandidat għall-elezzjoni u dan infurmah fil-pożittiv. Hawnhekk is-SE informa li suppost kull kandidat għal elezzjoni ġenerali għandu jinforma lis-SE b'mod formali immedjatament kif ikollu l-kandidatura tiegħu ikkonfermata. Is-SE informa li dwar l-użu tal-istemma ma kellux triq oħra ħlief li jibgħat rapport lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħalli jiddeċiedi hu jekk jistax jagħmel dan jew le.

2.9. Is-SE informa li f'Novembru kien se jkun hemm it-tielet parti tal-festa tal-ġemellaġġi u d-Dipartiment kien qed joffri €100 kull persuna sa massimu ta' ħames persuni fuq jumejn. Il-Kunsill qabel li għandu jistieden barranin mill-kuntatti li għandu.

2.10. Is-SE informa li kien ġie mgħarraf bi skema ġdida bl-isem ta' *Play Me, I'm Yours* fejn artist internazzjonali kien qed joffri ħmistax-il pjanu sabiex jitpoġġew f'post prominenti f'lokalitajiet varji madwar Malta. Il-Kunsill Lokali Naxxar kien wera l-interess tiegħu sabiex jinġieb pjanu. L-ispiża li tinvolvi lill-kunsill hija tal-ġarr u li tinżamm xi attività. Fuq suġġeriment tas-SE kien hemm qbil li jkun hemm żewġ kunsilliera biex jieħdu ħsieb din l-attività. Dawn se jkunu l-Kunsilliera Clifford Galea u Anne Marie Muscat Fenech Adami li se jieħdu ħsieb jikkordinaw ma' Dott. Gauci Maistre.

2.11. Is-SE informa li l-funtana tal-pjazza kien qed ikollha problema ta' ħażiż u għaldaqstant qed tfur fuq bażi regolari. Huwa informa li għaldaqstant kien hemm bżonn li jinxtara *stabiliser* sabiex isaffi l-ilma. L-ispiża kienet ta' €165 filwaqt li alternattiva għal dan kienet li tintefa kimika kull ħmistax-il ġurnata li tiswa €15 kull darba. Kien hemm qbil li dan jinxtara.

2.12. Is-SE informa li kif kien maqbul waqt il-laqgħa ta' qabel, kienu tpoġġew *points* tal-elettriku mal-mejda tal-Kunsill. Barra minn hekk kienet tlestiet ukoll is-sistema ta' arja kundizzjonata fis-sala tal-laqgħat.

2.13. Is-SE informa li kellu laqgħa ma' rappreżentanti tal-NSTS fejn dawn urew ix-xewqa li jikkollaboraw mal-Kunsilli biex ikabbru t-turiżmu. Għaldaqstant kienu talbu l-lista tal-attivitajiet tal-Kunsill u infurmawh li xtaqu jinvolvu xi studenti li jkollhom sabiex jagħtu għajnuna lill-Kunsill. Fost oħrajn is-SE talabhom sabiex jippreparaw pakkett

prinċiparjament dwar tagħlim tal-lingwa Ingliża biex jiġi preżentat ġewwa Mornago. Huwa informa li huma setgħu joffru aktar inċentivi interessanti wkoll.

2.14. Il-Kunsillier Bonello informa li ċ-ċint ta’ Triq l-Awstralja kien beda jinbena grazzi għall-għajnuna tal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali. Huwa informa li dan iċ-ċint kien se jiswa lill-Ministeru €3684.

2.15. Is-SE informa li skont informazzjoni li kellu, kien hemm talba biex matul il-festa, il-pjazza tingħalaq għal ħamest ijiem sħaħ. Il-Kunsill ma qabilx ma’ għeluq daqstant fit-tul minħabba l-inkonvenjent li se jinħoloq lir-residenti u lis-sidien tan-negozji. Barraminnhekk, inħass li mhux ġust li l-Kunsill qatt ma ġie kkonsultat dwar dan is-suġġeriment iżda sempliċiment ġie mitlub sabiex iħallas għas-servizz tal-Gwardjani Lokali. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel laqgħa mal-Ispettur u possibbilment rappreżentanti tal-kumitat festi esterni u jinsisti li ż-żmien tal-għeluq jitnaqqas.

2.16. Il-Kunsillier Brincat ħass li kellu jagħmel stqarrija li mhux aċċettabbli li xi ħadd isemmi ismu b’mod negattiv rigward il-proġett tal-pjazza. Huwa qal li kemm-il darba se jerġa’ jisma’ kliem simili kien se jieħu l-passi neċessarji. Huwa stqarr li għandu l-ismijiet iżda għalissa mhux fi ħsiebu jsemmihom.

2.17. Is-SE informa li kienet twasslet talba mingħand il-Malta Motorsport Federation sabiex issir *hill-climb* li tinvolvi Triq is-Salina, t-Telgħa T’Alla u Ommu u l-*ByPass* għal ġurnata sħiħa. Għalkemm ma kienx hemm oġġezzjoni biex issir din l-attività, il-Kunsill ma qabilx li għandha tintuża l-*ByPass*. Il-Kunsill talab ukoll li jinstabu rotot alternattivi fejn ikun se jsir l-għeluq.

2.18. Il-Kunsillier Bonello issuġġerixxa li ssir laqgħa mal-GRTU kif ukoll ma’ kumpanija privata li tista’ toffri s-servizzi ta’ konsultazzjoni pubblika fir-rigward tal-proġett tal-pjazza. Hawnhekk huwa stqarr li ma ħax gost li kienet intbagħtet risposta għal artiklu dwar il-Pjazza li deher fuq il-gazzetta The Malta Independent ftit tal-ġimgħat qabel mingħajr ma kien infurat meta huwa suppost il-PRO tal-Kunsill. Huwa ġie mgħarraf li bħala PRO kien mistenni li kellu jkun hu stess li jinnota l-artiklu u jgħaddi r-risposta lill-amministrazzjoni filwaqt li, sa fejn kien magħruf huwa kien irrilaxxa r-responsabbiltà ta’ PRO. Madanakollu ġie infurmat ukoll li r-risposta ma kienet tgħid xejn aktar milli kien diġà pubbliku u għalhekk żgur li ma kienx każ ta’ deċiżjoni mill-Kunsill. Ġie ċċarat ukoll li mhux minnu li l-Kunsill kien poġġa xi pjanti ġodda iżda kien sempliċiment iċċara ċertu *issues* skont kif mitlub mill-MEPA. Hawnhekk il-Kunsillier Bonello informa li huwa kien qed jirriżenja minn PRO b’effett immedjat. Is-SE informa li huwa se jagħmel dak kollu possibli biex kull risposta f’ġurnali, kif ukoll risposti ta’ mistoqsijiet parlamentari kien se jibda jibgħat kopja lill-Kunsillieri.

2.19. Il-Kunsillier Galea staqsa jekk kinitx saret laqgħa ma’ rappreżentanti tal-Arriva. Is-SE informa li saret it-talba iżda li s’issa ma saritx il-laqgħa. Il-Kunsilliera Miceli infurmat li skont informazzjoni li kellha, is-servizz li jmur BIĊ ma kellux għalfejn ikun vettura kbira iżda seta’ jkun sempliċiment minivan għaliex għalkemm jintuża fuq bażi regolari, qatt ma jkun hemm ammont kbir ta’ nies juzawh.

## 3. RAPPORT DWAR ĦIDMA TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA’ BIĊ

3.1. Is-SE informa li għalkemm iċ-Chairperson tal-Kumitat ma’ kinitx preżenti, huwa seta’ jinforma li l-ġurnata ta’ qabel, kien mar l-Onorevoli Chris Said sabiex jara x-xogħlijiet ta’ toroq li saru bil-fondi tas-Segretarjat kif ukoll biex isegwi x-xogħol li għaddej fuq il-ġnien fil-pjazza ta’ BIĊ.

3.2. Huwa informa wkoll li nhar is-Sibt kienet se ssir attività fejn kull min għandu xi affarijiet goffi għar-rimi seta' jagħmel dan billi jeħodhom fi Triq Xatt il-Palm fejn se jkun hemm trakk apposta.

3.3. Fuq talba tal-Kunsillier Galea kien hemm qbil li għandha tibda tintbagħat kopja tal-fuljett ta' BIĊ lill-Kunsilliera kollha.

3.4. Is-SE informa wkoll li l-kumitat kien applika għall-fondi speċjali għall-Kumitati Amministrattivi biex jibni numru ta' bankini. Is-Sindku infurmat li ġewwa BIĊ issa kien hemm biss triq u nofs li għadhom ma ġewx kostruwiti.

## 4. RAPPORT DWAR IS-SOTTOKUMITAT TAS-SGĦAJTAR

4.1. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Brincat infurmaw li kienet saret il-laqgħa bejn il-membri li wrew interess fejn hu kien għarrafhom bid-deċiżjoni tal-Kunsill biex in-numru ta' membri jkun limitat għal ħamsa. Huwa informa iżda li dawn il-persuni kienu qed jissuġerixxu li jibqgħu għaxra speċjalment għaliex aktarx biż-żmien ikun hemm min ma jibqax jattendi. Waqt is-sottokumitat kien maqbul ukoll li jkun hemm Chairperson li jinbidel kull tliet xhur filwaqt li l-ewwel wieħed ikun is-Sur Joe Mamo. Urew ix-xewqa wkoll li jibdew jiltaqgħu ġimgħa qabel il-laqgħa tal-Kunsill.

4.2. Il-Kunsill laqa' x-xewqat tal-membri tas-sottokumitat.

## 5. ĦLAS TA' KONTIJIET U RENDIKONTI TA' DĦUL TA' APRIL

5.1. Is-SE ippreżenta l-lista ta' kontijiet pendenti. Il-lista kienet approvata (annessa f'A).

5.2. Hawnhekk il-Kunsillier Galea semma' li persuna mis-Salina kien infurmah li kien ċempel lill-Għassa minħabba dgħajsa abbandunata u li dawn kienu talbuh jindirizza l-problema lill-Kunsill. Is-SE informa li l-Kunsill m'għandux mezzi biex ineħħiha u għaldaqstant din il-persuna kellha tinsisti mal-Pulizija minħabba li huma kellhom din is-setgħa kif ukoll il-mezzi neċessarji.

5.3. Is-SE informa li kienet saret il-laqgħa mal-accountant tal-Kunsill fejn ġiet infurmata li t-talbiet għall-pagamenti li għamlet ma kinux aċċettabli. Wara diskussjoni u fuq parir tal-avukat tal-Kunsill kien hemm qbil li tingħata €750 kif ukoll il-pagament dovut għal Diċembru li jammonta għal €498.96.

5.4. Is-SE ippreżenta l-lista tal-ordnijiet u tad-dħul. Il-listi kienu approvati u annessi f'B u Ċ rispettivament.

## 6. L-OFFERTI GĦAS-SERVIZZ TA' PERIT

6.1. Is-SE talab li jiġi maħtur sottokumitat sabiex jiddiskuti l-offerti għas-servizz ta' perit. Kien hemm qbil li dan għandu jkun magħmul mis-Sindku u l-Viċi Sindku, u mill-Kunsilliera Bonello, Miceli u Muscat Fenech Adami. L-ewwel laqgħa mal-offerenti għandha ssir nhar il-Ġimgħa 23 ta' Settembru fis-2pm.

## 7. ATTIVITAJIET U L-APPLIKAZZJONI TAĦT L-ISKEMA TAL-ATTIVITAJIET

7.1. Is-SE informa li l-Kunsill kien irċieva memo 65 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn kienet qed tiġi provduta għajnuna finanzjarja għall-attivitajiet għal dawk il-Kunsilli li xtaqu jibbenefikaw minnha. L-attivitajiet kellhom isiru bejn perjodu speċifiku (mill-1 ta' Diċembru 2011 sat-30 ta' Ġunju 2012 u mill-1 ta' Settembru sal-31 ta' Diċembru 2012).

7.2. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu japplika sabiex jingħata fondi għall-attivitajiet li ġejjin:

7.2.1. Isir festival tal-fjuri u mużika nhar il-15 ta' April 2012. Il-Kunsilliera Galea u Muscat Fenech Adami għandhom jivverifikaw jekk hemmx xi attività prinċipali oħra dakinhar filwaqt li jieħdu ħsieb l-organizzazzjoni. Is-Sindku għandha ġġib il-konferma tal-Kumitat Reġjonali.

7.2.2. Attività dwar il-Melħ nhar is-26 ta' Frar 2012 bl-isem ta' Salt Fesitval. Għandu jingħata tagħrif dwar is-salini tal-melħ li hemm fiż-żona u jiġi preparat ikel differenti magħmul mill-melħ. Possibilment issir fil-viċinanzi tal-kappella tas-Salina.

7.2.3. L-attività ta' arti, delizzji u snajja li se tinżamm bejn it-2 u l-4 ta' Novembru 2012.

7.2.4. L-attività tal-Milied bl-isem ta' Christmasfest possibilment il-Ħadd 4 ta' Diċembru 2011.

7.3. Il-Kunsillier Bonello ssuġġerixxa li jinbidel id-dawl li jitpoġġa mas-siġar tar-rand matul il-perjodu tal-Milied iżda l-Kunsill ma qabilx. Is-SE sadanittant informa li beda kommunikazzjonijiet biex jingħata xi kwotazzjonijiet għal dwal ġodda tal-Milied.

## 8. ĠEMELLAĠĠ MA' MORNAGO

8.1. Is-SE ta xi dettalji tal-aħħar dwar iż-żjara ġewwa Mornago.

8.2. Hawnhekk il-Kunsillier Bonello informa li huwa kien se jkollu jinżel lura Malta kmieni minħabba kwistjoni personali u diġà għamel arranġamenti personalment.

8.3. Sadanittant is-SE informa li fil-preżent kien hemm waħda mill-Assessori ta' Mornago, Dottsa. Lucia Busata, f'Malta u għaldaqstant min kellu xi ħin liberu seta' jagħmel kuntatt magħha.

## 9. IS-SITWAZZJONI MA' TRANSPORT MALTA

9.1. Is-Sindku infurmat li kienet saret il-laqgħa ma' Transport Malta fejn dawn esprimew li ma xtaqux iżommu x-xogħol tal-Kunsill b'lura u għaldaqstant kienu approvaw it-talbiet tal-Kunsill. Sadanittant ukoll sar arranġament sabiex il-Kunsill iħallas l-ammont dovut ta' €1,080. Fl-istess laqgħa kien hemm qbil li TM għandha tagħmel xogħol li jlaħħaq valur ta' madwar €2,500 fil-lokalità tan-Naxxar. Fil-fatt il-Kunsill semma' l-problema tal-ilma fi Triq it-Tuffieħ u dawn diġà kienu bdew jagħmlu xi *surveys*.

## 10. L-ALLOKAZZJONI TAL-POSTI TAL-KJOSKS TAL-FESTA

10.1. Is-SE informa li kienet saret il-laqgħa mas-sidien tal-kjosks fejn kien hemm preżenti wkoll il-Viċi Sindku. Huwa qal li kulħadd ġie allokat posta mingħajr problemi partikulari u kien hemm oħrajn li kienu ġodda u li l-amministrazzjoni kienet se tiżgura li se jingħatalhom posta. Huwa informa wkoll li kien hemm ħanut tal-ġugarelli li talab li jarma quddiem il-ħanut tiegħu fi Vjal il-Labour. Il-Kunsill qabel.

## 11. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

11.1. Il-Kunsillier Galea semma ittra li kien bagħat il-kuntrattur tat-tindif Christian Galea jipprotesta kontra d-*default notices*. Il-Kunsill dehrlu li għandu jinjora din l-ittra u jqisa bħala infondata.

11.2. Il-Kunsillier Galea ssuġġerixxa li jsir parkeġġ ġdid għal mutur quddiem il-Każin tal-Peace minħabba li kien hemm spazju żgħir. Il-Kunsill qabel.

11.3. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tlieta 27 ta' Settembru 2011 fis-7:30pm.

11.4. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fl-10:25pm.

| | |
|---|---|
| **Maria F. Deguara** *MD,MMCFD* | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

A

**Kunsill Lokali: Naxxar** | **Skeda Nru. Laqgħa 34**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mil-14 ta' Lulju 2011 sat-18 ta' Awwissu 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | ADI Associates | €131.75 | €131.75 | D | PF | review of planning applications - June 2011 | 30/06/2011 | 857 | n/a | n/a | 3130 | |
| 2 | ADI Associates | €131.62 | €131.62 | D | PF | review of planning applications - July 2011 | 31/07/2011 | 877 | n/a | n/a | 3130 | |
| 3 | Agricultural Co-operative Ltd. | €3,481.00 | €3,481.00 | T | PF | Garden maintenance Fee - June 2011 | 30/06/2011 | 16036 | n/a | n/a | 3061 | |
| 4 | AMJ Legal | €177.00 | €177.00 | T | PF | Retainer Fees for the month of July 2011 | 01/08/2011 | 81 of 2011 | n/a | n/a | 3140 | |
| 5 | Anthony Galea | €86.00 | €86.00 | D | PF | repairs on: a one way sign; tent of the playing field; etc | 25/07/2011 | 6133242 | n/a | n/a | 2370 | |
| 6 | B. Grima & Sons Ltd. | €89.21 | €89.21 | D | PF | 4 no entry signs & 8 double collar brackets - used at BIC | 13/07/2011 | 2465 | 3636 | 3636 | 7230 | |
| 7 | B. Grima & Sons Ltd. | €224.22 | €224.22 | D | PF | 1 pedestrian sign, 1 street name, 3 slow signs, etc | 27/07/2011 | 2497 | 3642 | 3642 | 7230 | |
| 8 | Bitmac Ltd. | €115.40 | €115.40 | D | PF | Bags Instant Road Repair | 30/11/2010 | 12470 | 3638 | 3638 | 2311 | |
| 9 | C&E airconditioning Ltd. | €84.02 | €84.02 | D | PF | service on 2 air conditions that were not cooling | 12/07/2011 | 4848 | n/a | n/a | 2330 | |
| 10 | C&E airconditioning Ltd. | €2,949.12 | €2,949.12 | D | PF | air conditioner for conference room | 10/08/2011 | 4995 | 3640 | 3640 | 7210 | |
| 11 | Carmen Micallef | €400.00 | €400.00 | D | PF | General Fitness Course & Pilates Course (Classes between May 2011 till July 2011) | 21/07/2011 | 2 | 3651 | 3651 | 3381 | |
| 12 | Central Asphalt Ltd. | €4,643.50 | €4,643.50 | D | PF | Coated Stones | 21/07/2011 | 40923 | 3508 | 3508 | 2311 | |
| 13 | Charlie Mifsud | €2,130.78 | €2,130.78 | T | PF | extra work - beach cleaning July 2011 | 14/08/2011 | 899 | n/a | n/a | 3063 | |
| 14 | Charlie Mifsud | €1,625.00 | €1,625.00 | T | PF | weed cutting of non urban roads - July 2011 | 14/08/2011 | 898 | n/a | n/a | 3052 | |
| 15 | Charlie Mifsud | €2,811.90 | €2,811.90 | T | PF | beach cleaning services - July 2011 | 14/08/2011 | 897 | n/a | n/a | 3063 | |
| | **Sub Total c/f** | **€19,080.52** | **€19,080.52** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€19,080.52** | **€19,080.52** | | | | | | | | | |

Sindku | Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier | Kunsillier

A

**Kunsill Lokali: Naxxar** **Skeda Nru. Laqgha 34**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mil-14 ta' Lulju 2011 sat-18 ta' Awwissu 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 16 | Christian Galea | €5,833.33 | €5,541.66 | T | PF | Street sweeping - July 11 | 31/07/2011 | 98 | n/a | n/a | 3051 | |
| 17 | Clifford Vella | €25.00 | €25.00 | D | PF | purchase of 2 books (l-Imtiehen tat-thin tal-qamh fil-gżejjer Maltin) | 16/07/2011 | 97/11 | 3652 | 3652 | 2960 | |
| 18 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | advert on 22/07/2011 for tender of services for an architect | n/a | n/a | n/a | n/a | 2940 | 14655 |
| 19 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert published in Government Gazette on 02.08.11 for tender 3/11 | 27/07/2011 | n/a | n/a | n/a | 2940 | 14664 |
| 20 | Dr Maria Fatima Deguara | €795.50 | €795.50 | D | PF | Mayor's July allowance | n/a | n/a | n/a | n/a | 1100 | n/a |
| 21 | Eco Pure | €41.09 | €41.09 | D | PF | 18.9ltrs of San Michel Table water by 11 | 18/07/2011 | 492966 | n/a | n/a | 3320 | |
| 22 | Eco Pure | €29.88 | €29.88 | D | PF | 18.9ltrs of San Michel Table water by 8 | 01/08/2011 | 494367 | n/a | n/a | 3320 | |
| 23 | G4S Security Services Ltd. | €152.20 | €152.20 | D | PF | Cash collection services - July 2011 | 31/07/2011 | GS3168 | n/a | n/a | 3190 | |
| 24 | Galea Curmi Engineering Consultants | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract Manager Fee - May 2011 | 31/05/2011 | 2421 | n/a | n/a | 3065 | |
| 25 | Galea Curmi Engineering Consultants | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract Manager Fee - July 2011 | 31/07/2011 | 2433 | n/a | n/a | 3065 | |
| 26 | Go plc. | €308.09 | €308.09 | D | PF | Telephony service for June 2011 and rental charge for July 2011 (in respect for telephone line: 21417224) | 12/07/2011 | 26141928 | n/a | n/a | 2160 | 14656 |
| 27 | Go plc. | €146.33 | €146.33 | D | PF | Telephony services for June 2011 and rental charges for July 2011 (in respect for telephone lines: 21416341 & 21423327) | 12/07/2011 | 26141921 | n/a | n/a | 2160 | 14657 |
| 28 | Go plc. | €18.48 | €18.48 | D | PF | Fax service for June 2011 and rental charge for July 2011 (in respect for fax line: 21416363) | 12/07/2011 | 26141922 | n/a | n/a | 2160 | 14658 |
| 29 | Grace Camilleri | €187.52 | €187.52 | D | PF | Branch Librarian services - July 11 | 30/07/2011 | n/a | n/a | n/a | 2995 | |
| 30 | Hightech Office Repairs | €80.00 | €80.00 | D | PF | new toner for photocopier | 03/08/2011 | 1506 | n/a | n/a | 2330 | |
| | **Sub Total c/f** | **€8,181.14** | **€7,889.47** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€19,080.52** | **€19,080.52** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€27,261.66** | **€26,969.99** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali: Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 34

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mil-14 ta' Lulju 2011 sat-18 ta' Awwissu 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 31 | Hightech Office Repairs | €274.00 | €274.00 | D | PF | maintenance on the photocopier | 02/08/2011 | 1505 | n/a | n/a | 2330 | |
| 32 | Impressions Ltd. | €52.51 | €52.51 | D | PF | AHC 2010 poster, A3. Qty 60 | 29/10/2010 | 29717 | n/a | n/a | 3360 | |
| 33 | Inland Revenue Department | €2,353.56 | €2,353.56 | D | PF | FSS for the month of May 2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1500 | 14659 |
| 34 | Inland Revenue Department | €3,538.28 | €3,538.28 | D | PF | FSS for the month of June 2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1500 | 14660 |
| 35 | Inland Revenue Department | €2,310.72 | €2,310.72 | D | PF | FSS for the month of July 2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1500 | 14661 |
| 36 | JGC Ltd. | €37.50 | €37.50 | D | PF | 50 play equipment plastic caps | 08/08/2011 | 92-11 | 3644 | 3644 | 2310 | |
| 37 | Leo's Garage Paramount | €157.15 | €157.15 | K | PF | transport services for the elderly | 30/06/2011 | 23847 | 3612a | 3612a | 3380 | |
| 38 | The Lighthouse Keepers | €55.63 | €55.63 | T | PF | Job Number: 984/ ref. no.: 5198 | 12/07/2011 | KLNX984 | n/a | n/a | 3065 | |
| 39 | The Lighthouse Keepers | €18.36 | €18.36 | T | PF | Job Number: 989/ ref. no.: 5221 | 12/07/2011 | KLNX989 | n/a | n/a | 3065 | |
| 40 | The Lighthouse Keepers | €18.10 | €18.10 | T | PF | Job Number: 992/ ref. no.: 5229 | 12/07/2011 | KLNX992 | n/a | n/a | 3065 | |
| 41 | The Lighthouse Keepers | €31.98 | €31.98 | T | PF | Job Number: 991/ ref. no.: 5228 | 12/07/2011 | KLNX991 | n/a | n/a | 3065 | |
| 42 | The Lighthouse Keepers | €46.90 | €46.90 | T | PF | Job Number: 990/ ref. no.: 5227 | 12/07/2011 | KLNX990 | n/a | n/a | 3065 | |
| 43 | The Lighthouse Keepers | €61.31 | €61.31 | T | PF | Job Number: 988/ ref. no.: 5215 | 12/07/2011 | KLNX988 | n/a | n/a | 3065 | |
| 44 | The Lighthouse Keepers | €35.72 | €35.72 | T | PF | Job Number: 995/ ref. no.: 5232 | 12/07/2011 | KLNX995 | n/a | n/a | 3065 | |
| 45 | The Lighthouse Keepers | €6.62 | €6.62 | T | PF | Job Number: 1004/ ref. no.: 5289 | 21/07/2011 | KLNX1004 | n/a | n/a | 3065 | |
| | **Sub Total c/f** | **€8,998.34** | **€8,998.34** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€27,261.66** | **€26,969.99** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€36,260.00** | **€35,968.33** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Approvati fis-Seduta Nru:

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali: Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 34

**Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

Data: mil-14 ta' Lulju 2011 sat-18 ta' Awwissu 2011

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 46 | The Lighthouse Keepers | €48.95 | €48.95 | T | PF | Job Number: 1003/ ref. no.: 5281 | 21/07/2011 | KLNX1003 | n/a | n/a | 3065 | |
| 47 | The Lighthouse Keepers | €6.28 | €6.28 | T | PF | Job Number: 998/ ref. no.: 5247 | 21/07/2011 | KLNX998 | n/a | n/a | 3065 | |
| 48 | The Lighthouse Keepers | €40.01 | €40.01 | T | PF | Job Number: 993/ ref. no.: 5230 | 21/07/2011 | KLNX993 | n/a | n/a | 3065 | |
| 49 | The Lighthouse Keepers | €19.82 | €19.82 | T | PF | Job Number: 971/ ref. no.:5151 | 03/08/2011 | KLNX971 | n/a | n/a | 3065 | |
| 50 | The Lighthouse Keepers | €18.86 | €18.86 | T | PF | Job Number: 974/ ref. no.:5167 | 03/08/2011 | KLNX974 | n/a | n/a | 3065 | |
| 51 | The Lighthouse Keepers | €15.39 | €15.39 | T | PF | Job Number: 981/ ref. no.:5182 | 03/08/2011 | KLNX981 | n/a | n/a | 3065 | |
| 52 | The Lighthouse Keepers | €51.48 | €51.48 | T | PF | Job Number: 1012/ ref. no.:5323 | 27/07/2011 | KLNX1012 | n/a | n/a | 3065 | |
| 53 | The Lighthouse Keepers | €6.62 | €6.62 | T | PF | Job Number: 1013/ ref. no.:5324 | 27/07/2011 | KLNX1013 | n/a | n/a | 3065 | |
| 54 | The Lighthouse Keepers | €66.15 | €66.15 | T | PF | Job Number: 1007/ ref. no.:5317 | 27/07/2011 | KLNX1007 | n/a | n/a | 3065 | |
| 55 | The Lighthouse Keepers | €6.97 | €6.97 | T | PF | Job Number: 1008/ ref. no.:5319 | 27/07/2011 | KLNX1008 | n/a | n/a | 3065 | |
| 56 | The Lighthouse Keepers | €6.97 | €6.97 | T | PF | Job Number: 1009/ ref. no.:5320 | 27/07/2011 | KLNX1009 | n/a | n/a | 3065 | |
| 57 | The Lighthouse Keepers | €31.98 | €31.98 | T | PF | Job Number: 1006/ ref. no.:5309 | 27/07/2011 | KLNX1006 | n/a | n/a | 3065 | |
| 58 | The Lighthouse Keepers | €33.75 | €33.75 | T | PF | Job Number: 1011/ ref. no.:5322 | 27/07/2011 | KLNX1011 | n/a | n/a | 3065 | |
| 59 | The Lighthouse Keepers | €54.21 | €54.21 | T | PF | Job Number: 1010/ ref. no.:5321 | 05/08/2011 | KLNX1010 | n/a | n/a | 3065 | |
| 60 | The Lighthouse Keepers | €33.75 | €33.75 | T | PF | Job Number: 996/ ref. no.:5234 | 05/08/2011 | KLNX996 | n/a | n/a | 3065 | |
| | **Sub Total c/f** | **€441.19** | **€441.19** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€36,260.00** | **€35,968.33** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€36,701.19** | **€36,409.52** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Approvati fis-Seduta Nru:

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Naxxar** | **Skeda Nru. Laqgha 34**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mil-14 ta' Lulju 2011 sat-18 ta' Awwissu 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | The Lighthouse Keepers | €28.43 | €28.43 | T | PF | Job Number: 979/ ref. no.:5178 | 05/08/2011 | KLNX979 | n/a | n/a | 3065 | |
| 62 | The Lighthouse Keepers | €51.60 | €51.60 | T | PF | Job Number: 997/ ref. no.:5237 | 05/08/2011 | KLNX997 | n/a | n/a | 3065 | |
| 63 | The Lighthouse Keepers | €265.94 | €265.94 | T | PF | Job Number: 926/ ref. no.:4964 | 08/08/2011 | KLNX926 | n/a | n/a | 3065 | |
| 64 | The Lighthouse Keepers | €480.28 | €480.28 | T | PF | Job Number: 929/ ref. no.:4967 | 08/08/2011 | KLNX929 | n/a | n/a | 3065 | |
| 65 | The Lighthouse Keepers | €64.39 | €64.39 | T | PF | Job Number: 1015/ ref. no.:5362 | 08/08/2011 | KLNX1015 | n/a | n/a | 3065 | |
| 66 | The Lighthouse Keepers | €5.58 | €5.58 | T | PF | Job Number: 987/ ref. no.:5213 | 08/08/2011 | KLNX987 | n/a | n/a | 3065 | |
| 67 | The Lighthouse Keepers | €72.12 | €72.12 | T | PF | Job Number: 1016/ ref. no.:5363 | 08/08/2011 | KLNX1016 | n/a | n/a | 3065 | |
| 68 | Mario Mallia | €59.00 | €59.00 | D | PF | jerrycan of thinner | 15/07/2011 | 1109 | 3637 | 3637 | 2312 | |
| 69 | Merlin Publishers Ltd. | €199.00 | €199.00 | D | PF | purchase of books | 29/04/2010 | 39974 | n/a | n/a | 2960 | |
| 70 | Merlin Publishers Ltd. | €35.12 | €35.12 | D | PF | purchase of books | 29/04/2010 | 39975 | n/a | n/a | 2960 | |
| 71 | Mica Med Ltd. | €182.24 | €182.24 | D | PF | 150watts special metal halide lamps | 02/08/2011 | NXR LC 08-11 | n/a | n/a | 2370 | |
| 72 | MITA | €79.52 | €79.52 | D | PF | service of email accounts for councilors and staff - April till June 2011 | 18/07/2011 | 25047 | n/a | n/a | 3110 | |
| 73 | MyMaltaInfo.com | €295.00 | €295.00 | D | PF | Agreement done between the Naxxar Local Council & MyMaltaInfo.com to take 8 (360deg) photos in Naxxar and display them on both the Naxxar site and on MyMaltaInfo.com | 29/07/2011 | VT11005 | n/a | n/a | 3690 | |
| 74 | Northern Cleaning Group Ltd. | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | refuse collection - June 2011 | 30/06/2011 | NXR 6/11 | n/a | n/a | 3041 | |
| 75 | Opus 33 | €48.60 | €48.60 | D | PF | Gold picture frame | 05/07/2011 | 23 | 3628 | 3628 | 7210 | |
| | **Sub Total c/f** | **€8,653.15** | **€8,653.15** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€36,701.19** | **€36,409.52** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€45,354.34** | **€45,062.67** | | | | | | | | | |

Sindku | Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier | Kunsillier

**Kunsill Lokali: Naxxar** **Skeda Nru. Laqgha 34**

**Skeda tal-Hlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mil-14 ta' Lulju 2011 sat-18 ta' Awwissu 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 76 | Permanent Secretary at OPM (ITSD) | €50.00 | €50.00 | D | PF | Advert on the Malta Independent 03/08/2011 - for tender 03/11 | email dated 01/08/2011 | n/a | n/a | n/a | 2940 | 14666 |
| 77 | Public Transport Association | €1,222.80 | €1,222.80 | D | PF | trips for June and 2 days in July | 04/07/2011 | n/a | n/a | n/a | 3066 | |
| 78 | refund for Alexandra Pace | €233.00 | €233.00 | D | PF | deposit for machinery in Triq is-Sikka, BIC | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14667 |
| 79 | refund for Khalil Mohammed | €110.00 | €110.00 | D | PF | deposit of machinery in Triq il-Mosta | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14668 |
| 80 | refund for Francis Gatt | €116.50 | €116.50 | D | PF | deposit of machinery in Triq Xatt il-Palm | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14669 |
| 81 | refund for Dominic Zammit | €233.00 | €233.00 | D | PF | deposit of machinery in Triq Sir Arthur Freemantle | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14670 |
| 82 | refund for Anthony Grech | €233.00 | €233.00 | D | PF | deposit of machinery in Triq il-Qoton | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14671 |
| 83 | refund for Louie Grima | €230.00 | €230.00 | D | PF | deposit of machinery in Triq is-Simblija | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14672 |
| 84 | refund for Adrian Stivala | €233.47 | €233.47 | D | PF | deposit of machinery in Triq Xatt il-Palm | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14673 |
| 85 | refund for Joseph Fenech | €110.00 | €110.00 | D | PF | deposit of machinery in Triq l-Ifran | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14678 |
| 86 | refund for Mario Schembri | €116.47 | €116.47 | D | PF | deposit of machinery in new street in Triq it-Torri tal-Kaptan | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14679 |
| 87 | refund for Jane Brincat | €110.00 | €110.00 | D | PF | deposit of machinery in alley 1 in Triq Santa Lucija | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14680 |
| 88 | refund for Noel Gatt | €120.00 | €120.00 | D | PF | deposit of machinery in Triq Leli Falzon | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14681 |
| 89 | refund for Peter Mercieca | €120.00 | €120.00 | D | PF | deposit of machinery in Triq il-Germanja | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 14682 |
| 90 | Richie's Ironmongery | €83.34 | €83.34 | D | PF | bits, braided white rope 4.0, m8 eye expansion bolt etc | 11/12/2010 | 1146AA | n/a | n/a | 3360 | |
| | **Sub Total c/f** | **€3,321.58** | **€3,321.58** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€45,354.34** | **€45,062.67** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€48,675.92** | **€48,384.25** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Naxxar** **Skeda Nru. Laqgha 34**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mil-14 ta' Lulju 2011 sat-18 ta' Awwissu 2011**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 91 | Ricky Caruana | €473.51 | €473.51 | T | PF | Naxxar LC Civic Centre Cleaning | 31/07/2011 | NLC07_2011 | n/a | n/a | 3055 | |
| 92 | Ricky Caruana | €850.00 | €850.00 | T | PF | Naxxar LC Public Convenience Cleaning | 31/07/2011 | NLC07_2011 | n/a | n/a | 3053 | |
| 93 | Ruben Buhagiar Photography | €385.00 | €385.00 | D | PF | photography service on the 20/06/2010, 07/08/2010, 12/12/2010 & 20/03/2011. | 02/08/2011 | Naxxar/2011-08-02 | n/a | n/a | 2925 | |
| 94 | Scan Computers | €92.50 | €92.50 | D | PF | TFT repair | 04/08/2011 | 6482599 | 3633 | 3633 | 2330 | |
| 95 | Spiral Design | €80.24 | €80.24 | D | PF | removal of the old sticker of the NLC emblem and the application for a new one | 20/07/2011 | 2249 | n/a | n/a | 2375 | |
| 96 | Staff Salaries | €8,133.34 | €8,133.34 | D | PF | Staff payments for the month of July 2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1200 | n/a |
| 97 | Transport Malta | €1,088.32 | €1,088.32 | D | PF | Naxxar Local Council 2009 ADT CL Balance | 31/07/2011 | n/a | n/a | n/a | 2720 | |
| 98 | Veritas Press | €17.70 | €17.70 | D | PF | 500 business cards "Mr Noel Gatt" | 02/11/2010 | 18803 | 3639 | 3639 | 3690 | |
| 99 | Vodafone | €139.72 | €139.72 | D | PF | Vodafone June 2011 monthly service | 01/07/2011 | 2489546072011 | n/a | n/a | 2160 | 14676 |
| 100 | Vodafone | €99.27 | €99.27 | D | PF | Vodafone July 2011 monthly service | 01/08/2011 | 2532670082011 | n/a | n/a | 2160 | 14677 |
| 101 | Vodafone | €227.48 | €227.48 | D | PF | Vodafone March 2011 & April 2011 monthly services | 01/04/2011 & 01/05/2011 | 2361729042011 & 2403949052011 | n/a | n/a | 2160 | 14683 |
| 102 | Vodafone | €4.22 | €4.22 | D | PF | Vodafone May 2011 monthly service, payment to be added to an already sent chq BOV 14563 | 01/06/2011 | 2446512062011 | n/a | n/a | 2160 | 14684 |
| 103 | WasteServ Malta Ltd. | €4,757.34 | €4,757.34 | D | PF | Allocated MSW waste - June 2011 (293.15 Tonnes) | 15/07/2011 | 10250 | n/a | n/a | 3040 | |
| 104 | | | | | | | | | | | | |
| 105 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€16,348.64** | **€16,348.64** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€48,675.92** | **€48,384.25** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€65,024.56** | **€64,732.89** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

B

## Lista ta' ordnijiet ghax-xahar ta' Lulju 2011

| Date | P.O. No | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 01/07/2011 | 3624 | COA Ink & Toner Ltd. | Toners for Printers | €191.02 |
| 04/07/2011 | 3625 | Mailbox Services Grou | service for the distribution of flyers - bic | €17.70 |
| 05/07/2011 | 3626 | Bitmac Ltd. | Road Repair | €97.70 |
| 05/07/2011 | 3627 | C.S.D. Office Trade | Archive box carton | €12.74 |
| 05/07/2011 | 3628 | Opus 33 | Frame - Twinning with Mornago agreeme | €48.60 |
| 05/07/2011 | 3629 | Department of Informati | Advert for the allocation of the kiosks for | €26.28 |
| 05/07/2011 | 3630 | Leo's Garage Paramou | transport services for the disabled for the | €54.98 |
| 08/07/2011 | 3631 | Snowhite Loundry | Service for the cleaning of flags | €20.00 |
| 11/07/2011 | 3632 | Central Asphalt Ltd. | Supply of cold asphalt | €4,610.40 |
| 11/07/2011 | 3633 | Scan Computers | Repair service for Benq TFTs | €92.50 |
| 12/07/2011 | 3634 | Archway Ironmongery | Items for maintenance on letterbox & cou | €22.47 |
| 12/07/2011 | 3635 | Archway Ironmongery | washers, broomstick, screws plugs, etc. | €23.62 |
| 13/07/2011 | 3636 | B. Grima + Sons | No Entry Signs | €89.21 |
| 15/07/2011 | 3637 | Mario Mallia | Jerrycan Thinner | €59.00 |
| 19/07/2011 | 3638 | Bitmac Ltd. | Instant road repair for Triq V. Boron, Triq l-Imdina, Darnino Sqr. and Labour Avn. | €115.40 |
| 19/07/2011 | 3639 | Veritas Press | 500 Business cards "Mr Noel Gatt" | €17.70 |
| 20/07/2011 | 3640 | Teckno Airconditioning | A/C for Conference room | €2,819.02 |
| 22/07/2011 | 3641 | Paramount Garage | Transport Naxxar Scout Summer camp | €159.30 |
| 29/07/2011 | 3642 | B. Grima & Sons Ltd | Traffic Signs | €224.22 |
| 29/07/2011 | 3643 | Archway Ironmongery | Noticeboard keys; erection of signs | €10.77 |
| | | | | |
| | | | **Total** | **€8,712.63** |

Ċ

| Lista ta' Dhul ghax-xahar ta' Lulju 2011 | | |
|---|---|---|
| | | |
| **Code** | **Description** | **Amount** |
| 0000 | others | €4.66 |
| 0001 | Annual allocation from Government | €0.00 |
| 0015 | Other Government Income | €3,468.34 |
| 0020 | Commercial/directional signs | €0.00 |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €320.00 |
| 0024 | Football ground hire | €28.00 |
| 0025 | Skip Permit | €46.40 |
| 0026 | Crane Permit | €592.04 |
| 0027 | Kiosk Permit | €0.00 |
| 0028 | Outside activity permit | €32.65 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc. | €159.09 |
| 0031 | Hire of Council Hall | €0.00 |
| 0032 | Permits for placing tables and chairs | €0.00 |
| 0033 | Payment for damages to public property | €0.00 |
| 0036 | Contraventions | €0.00 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €30.04 |
| 0100 | Donations / sponsorships | €0.00 |
| 0121 | Advertising | €33.60 |
| 0125 | Trenching permits | €9.32 |
| 4006 | Contractors guarantees (refundable) | €1,850.00 |
| | Payments for mornago flights | €5,535.00 |
| 4007 | Other refundable deposits | €0.00 |
| | **TOTAL** | **€12,109.14** |